MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 298/1991/1

**AIC Joseph Farrugia u b'digriet tat-2 ta' Dicembru 2005 il-kawza tkompliet fil-persuna ta' Gillian Vella, Anne Cachia, Monica Depasquale u Louise Calleja lkoll ahwa Farrugia minflok l-attur li miet fil-mori tal-kawza**

**Vs**

**Angela u Carmelo konjugi Farrugia, Theresa sive Tessie, Spiridione sive Dione, Catherine u Marianne ahwa Farrugia ghal kull interess li jista' jkollhom u b'digriet tal-15 ta' Mejju 1995 il-qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Catherine mart Mario Scicluna, Marianne mart Eric Muscat, Teresa Farrugia u Spiridione Farrugia lkoll ahwa Farrugia bhala werrieta ta' Angela Farrugia**

**Citazzjoni**.

B'citazzjoni prezentata fis-26 ta' Marzu 1991 l-atturi qeghdin jitolbu lill-qorti sabiex:-

*"1. Tiddikjara illi t-testment tal-mejta Francesca Farrugia maghmul minnha fil-11 ta' Awissu 1990 fl-eta' ta' 75 sena, huwa null u bla effett, prevja d-dikjarazzjoni illi t-testatrici giet imgeghla biex taghmu bil-mod kif sar, kontra l-volonta' taghha, meta hija ma kienitx fi stat ta' sahha mentali kif trid il-ligi;*

*2. Tordna illi d-devoluzzjoni tal-wirt tal-mejta Francesca Farrugia ssir skond il-ligi."*.

L-attur, illum mejjet, kien ippremetta li l-konvenuta hi ohtu. Spjega li ohthom Francesca Farrugia kienet mietet fid-19 ta' Novembru 1990 u ghamlet testment **fil-11 ta' Awissu 1990 fl-atti tan-nutar Dr Charles Vella Zarb** li bih innominat lil Angela u Carmelo konjugi Farrugia bhala werrieta taghha, filwaqt li halliet legati lill-konvenuti Angela Farrugia, Theresa Farrugia, u Spiriodione Farrugia. Kompla jghid li fis-snin sittin id-decujus kienet irceviet kura psikjatrika u li tlett gimghat wara li ghamlet it-testment kienet regghet tpoggiet taht kura psikjatrika. Meta sar it-testment kellha 75 sena u kienet qeghda tabita mal-konvenuti Angela u Carmelo konjugi Farrugia li kellhom kontroll fuqha. Skond l-attur it-testatrici kienet giet imgieghla sabiex taghmel it-testment kontra l-volonta' taghha meta ma kenitx fi stat mentali kif trid il-ligi.

**Nota ta' l-eccezzjonijiet**.

Il-konvenuti wiegbu li t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex meta ghamlet it-testment kienet konxja ta' dak li ghamlet.

**Perizji**.

Il-qorti kienet hatret perit legali flimkien ma' perit mediku (il-psikjatra Dr Peter Muscat) sabiex jirrelataw bil-miktub dwar il-meritu tal-kawza.

Wara li gie pprezentat ir-rapport tal-perit mediku il-konvenuti talbu l-hatra ta' periti addizzjonali.

B'digriet moghti fid-19 ta' Jannar 2010 il-qorti laqghet it-talba u nkarigat lill-avukat Dr Joseph Buttigieg, u l-psikjatri Dr Joseph Spiteri u Dr Anton Grech. Huma pprezentaw ir-rapport u kkonfermawh bil-gurament (fol. 205-229).

**Noti ta' Sottomissjonijiet u trattazzjoni**.

Fid-29 ta' April 2013 l-atturi pprezentaw nota ta' sottomissjoni u fit-22 ta' Mejju 2013 il-konvenuti wiegbu.

Semghet ukoll it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

**Ligi u gurisprudenza**.

Skond l-Artikolu 599 tal-Kodici Civili:-

*"It-testmenti maghmulin minn persuni inkapaci huma nulli, ukoll jekk l-inkapacita' tat-testatur tispicca qabel il-mewt tieghu."*.

Fost il-persuni inkapaci hemm:

*"(d) dawk li ghalkemm mhux interdetti, ma jkunux f'sensihom fiz-zmien tat-testment."* (Artikolu 597 tal-Kodici Civili)[1].

[1] Dan kien kif jaqra l-provvediment fiz-zmien li Francesca Farrugia ghamlet it-testment. Sussegwentement saret emenda fl-2012 bl-introduzzjoni tal-Att II ta' l-2012. Pero' f'dan il-kaz qeghdin nitrattaw testment li sar fl-1990 u allura ghandha tapplika l-ligi kif kienet dak iz-zmien li sar it-testment; *"Biex il-ligi jkollha effett retroattiv, hemm bzonn li dan l-effett jirrizulta b'mod l-aktar car u zgur."* (**Joseph Caruana Curran nomine vs Anthony Camilleri nomine** deciza mill-Prim'Awla (Imhallef A. Magri) fid-29 ta' Ottubru 1959), li f'dan il-kaz ma tirrizultax.

Il-kapacita' mentali tat-testatur hi prezunta filwaqt li l-inkapacita' hi l-eccezzjoni (**Giuseppe Formosa vs Giuseppe Axiak** deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Gunju 1938 – Vol. XXX.i.176). Fil-kawza **Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et** deciza mill-Prim'Awla[2] fl-20 ta' Ottubru 1971, il-qorti osservat:

*"Certament ghandha tahrab kwalunkwe prekoncett, sia li min hu xih mhux kapaci, sia li kull min hu marid mhux f'sensih. Jekk qatt ghandu jkun hemm xi prekoncett, jekk dan huwa il-vokabolu korrett, dan huwa biss il-presunzjoni tal-kapacita', salva il-prova kuntrarja li pero' ghandha tkun kif fuq intqal, rigoruza."*.

Il-grad ta' prova mehtieg biex jigi ppruvat li persuna m'hijiex mentalment sana biex taghmel testment, hi prova **cara, univoka u konklussiva (Joseph Harmsworth et vs Gaetana Bezzina et** deciza mill'Prim'Awla fis-16 ta' Dicembru 2002). Fil-kawza **Pawlu Farrugia vs Carmelo Farrugia et** deciza fil-5 ta' Ottubru 2004, il-Prim'Awla[3] gie kkonfermat li: *"Biex tigi stabbilita l-insanita' mentali tat-testatur hemm bzonn li jirrizultaw **indizzji gravi, u mhux biss semplici kongetturi u possibilitajiet**. Il-fatti u l-argumenti jridu jkunu precizi u konkludenti la darba jirrigwardaw persuna mejta li fuqha ma jkunux jistghu jsiru l-accertamenti medici u legali mehtiega."* (enfazi tal-qorti).

Kif osservat din il-qorti (Imhllef A.V. Camilleri) fil-kawza **Mifsud vs Giordano** deciza fit-8 ta' Marzu 1952 (Volum XXXVI.ii.404):- *'f'materja ta' validita ta' testment l-kwistjoni li tiraggira ruhha dwar il-problema jekk il-partikulari testatur jinsabx f'kundizzjoni mentali tali, minhabba l-inkapacita' naturali, l'eta avvanzata, mard jew insanita, li jifhem li dak li jkun qieghed ihalli bit-testment mill-istess proprjeta tieghu jkun qieghed ihallih lil certa persuna jew persuni, li jifhem il-portata tal-estensjoni tal-assi tieghu u, li jifhem in-natura u l-effetti tal-att proprju fir-relazzjoni mal-pretensjonijiet naturali ta' dawk il-persuni li jigu eskluzi bit-testment tieghu..... Imma ghall-validita' ta'*

[2] Imhallef M. Caruana Curran.
[3] Imhallef N. Cuschieri.

*testment **huwa bizzejjed li t-testatur ikollu l-kuxjenza, jew ahjar li jkun jaf u jifhem x'ikun qed isir**, u li fil-fatt ikun sar, b'mod li mhux imprexindibilment mehtieg li l-volonta intelligenti u liberat tat-testatur tkun perfettament u rigorozament sana.... Del resto, il-kliem ta' l-art 634(d) tal-Kodici Civili jidhru li gew mil-legislatur adoperati f'sens assolut u b'mod li tahthom ma jistghux jaqghu persuni ohra li ghalkemm mhux mija fil-mija rigorozament sani mentalment (bhal ma huma dawk li jbaghtu biex jifhmu, ta' intelligenza skarsa, ta' menti debboli, ta' idejat strambi jew dizordinata, l-istravaganti, l-eccentrici, u simili), eppure ma jistghux jinghadu li huma mhumiex f'sensihom'*.

Fil-kawza **Avukat Dr Franco B. Vassallo nomine vs George Falzon** deciza minn din il-qorti[4] fl-10 ta' Mejju 1993 gie osservat:-

*"Il-frazi 'ma jkunux f'sensihom' tfisser verament stat mentali li jipprekludi l-aggustament minimu li hemm bzonn, ta' bejn il-persuna u r-realta' – u varji nuqqasijiet, annormalitajiet, u idjosinkrazji u stramberiji m'humiex bizzejjed"*.

Ir-ragonevolezza tad-disposizzjonijiet testamentarji hi fiha nnifisha rilevanti meta wiehed ikun qieghed jikkunsidra jekk it-testatur kienx mentalment kapaci li jaghmel testment.

**<u>Meritu</u>**.

1.Francesca Farrugia:-
(a) Kienet xebba li tghix ma' huha.
(b) Kienet ghamlet zmien fin-novizjat biex issir soru pero' ma komplietx.
(c) Bejn il-25 ta' Ottubru 1967 u 29 ta' Jannar 1968 kienet rikoverata l-isptar Mount Carmel. Fil-*case sheet* jinghad li kienet qeghda tbati minn Paraphenia.
(d) Fil-11 ta' Awissu 1990 ghamlet testment.
(e) Mietet fid-19 ta' Novembru 1990 ta' 74 sena.

[4] Imhallef Prof. G. Mifsud Bonnici.

2. Ta’ importanza hi d-deposizzjoni tan-nutar Vella Zarb li xehed fil-5 ta’ Gunju 2000:-

*“it-testment sar Wied il-Ghajn fir-residenza taghha ma’ familjari taghhom u cioe’ fejn kienet qed toqghod hi dak iz-zmien.*

*Dan ma kienx kaz ta’ testment ippreparat minni minn qabel izda niftakar car li mort hemm jien u tkellimt mad-decujus biss quddiem ix-xhieda mill-bidunett….*

*Ghar-rigward tal-hatra tal-eredi (Art. 7) niftakar car li t-testatrici riedet tinnomina bhala eredi kemm lil ohtha Angela kif ukoll lil zewgha Carmelo. Jien fissirtilha li ssoltu kien jinhatar il-qarib fid-demm u li r-ragel tal-qarib ma kien se jiehu ghalih ghax jibqa’ barra.*

*… Tul il-process kollu mill-bidunett tieghu ma kien hemm hadd mill-familjari prezenti.*

*…… Kemm waqt il-preparazzjoni kif ukoll il-pubblikazzjoni, it-testatrici deheret normali. Kienet qed tiehu l-oggett bis-serjeta’.*

*…. Jiena nahlef li kemm qabel kif ukoll wara li sar it-testment la Dione u la Tessie u lanqas familjari taghha jew xi haddiehor ma kellmuni xejn dwar it-testment in kwistjoni.”.*

Hu veru li:-

*“l’asserto del Notaio che il disponente era sano di mente non costituisce da se la prova della capacita’ mentale dello stesso testatore, dappoiche’ non e’ ufficio del Notaio ne di sua competenza di certificare la sanita’ intellettuale dei disponenti”* (**Agius vs Muscat**, Vol. XVII.ii.5).
Min-naha l-ohra:-

*“ghalkemm l-attestazzjoni tan-Nutar bis-solita clausola di stile li t-testatur huwa compos mentis mhix bizzejjed, id-disposizzjoni tieghu lanqas ma tista’ tigi ipprivata mill-importanza taghha specjalment meta jkun jista jaghti*

*dettalji li t-testment inkiteb fil-presenza tat-testatur, u taht id-dettatura tieghu, u mill-imgieba tieghu kien jidher li qed jirraguna, cioe' kif tghid il-ligi kien f'sensieh……"* (**Joseph Bonavia et vs Giovanni Bonavia et** deciza mill-Prim'Awla[5] fl-20 ta' Ottubru 1971).

Mid-deposizzjoni tan-nutar jidher li t-testatrici kienet taf u kienet determinata f'dak li qeghda taghmel. Id-deskrizzjoni li ta n-nutar m'hijiex ta' persuna inkapaci jew li qeghda tagixxi taht pressjoni minn terzi.

Meta rega' xehed fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2000, qal:

*"Wara li saru l-artikoli kollha tat-testment, jien ergajt staqsejt lit-testatrici jekk tridx tbiddel jew izzid xi haga u f'dan l-istadju semmietli l-legat tal-quddies. Nista' nghid li t-testatrici kienet lucidissima. L-elenku tal-legati, specjalment l-ghelieqi, semmietu hi u jien ma kelli ebda diffikulta' biex nifhem il-volonta' taghha."*.

Din ic-cirkostanza taghti prova ohra ta' kemm it-testatrici kienet qeghda tirraguna, fejn hasset il-bzonn li taghmel legat ta' quddies ghall-bzonnijiet superjuri taghha.

Fil-fehma tal-qorti, 'il fatt li n-nutar ma kienx gie infurmat li Francesca Farrugia kienet ghamlet zmien rikoverata Mount Carmel, mhi ta' l-ebda konsegwenza. In-nutar li ppubblika l-att ta spjegazzjoni cara dwar il-komportament tax-xhud fil-hin li sar it-testment, u ma gie kontradett minn hadd. Minn dak li qal hu evidenti li fil-mument tat-testment ma kien jidher l-ebda vizzju apparenti fit-testatrici. Ghalkemm l-atturi jipprovaw jixhtu dubju fuq id-deposizzjoni tan-nutar peress li mat-testment ma giex anness certifikat mediku li jikkonferma li t-testatrici kienet mentalment kapaci taghmel testment, m'hemm l-ebda regola fissa dwar dan. Il-qorti tqies li l-probabilita' hi li in-nutar kien sodisfatt li Francesca Farrugia kienet konxja dwar dak li qeghda taghmel u kuntenta. Wiehed irid jiftakar ukoll li fiz-zmien li sar it-testment, it-testatrici kienet qeghda tghix ghand ohtha, il-konvenuta Angela Farrugia.

[5] Imhallef M. Caruana Curran.

Il-probabilita’ hi li din kienet ir-raguni li waslitha biex taghmel dak it-tip ta’ testment b’sinjal ta’ rikonoxximent.

3. Il-perit mediku l-psikjatra Dr Peter Muscat kien ikkonkluda li fil-fehma tieghu, *“Peress li l-marda kienet ilha fuqha ghal perjodu ta’ snin twal, minkejja li kienet ikkontrollata dan xorta kien jirrendiha inkapaci li tuza gudizzju tajjeb specjalment meta hassietha imgielgha biex taghmlu kif ghamlitu. Dan jirrizulta bla dubbju mill-evidenza migbura mid-diversi xhieda.”* (fol. 154). Qal ukoll li Francesca Farrugia kellha l-marda ta’ skizofrenija. Madankollu l-istess perit mediku rrelata wkoll li:

i. Il-marda ta’ skizofrenija *“**tista’ twassal** ghal nuqqas ta’ gudizzju, volonta w ragunament”* (enfazi tal-qorti). Bla pregudizzju ghal dak li ser jinghad hawn taht dwar il-marda li kellha t-testatrici, ghall-qorti dan ifisser li mhux kull min ibati minn din il-marda hu mentalment inkapaci jaghmel testment[6].

ii. *“Jidher li il-marda kienet ikkontrollata sa meta sar it-testment.”*. Fil-fatt it-tabib Dr Carmel Vella xehed li ra lil Francesca Farrugia fit-23 ta’ Gunju 1990 meta mar jaraha ghaliex kellha d-deni; *“Kellha d-deni pero’ l-istat mentali taghha kien tajjeb.”*. Ikkonferma wkoll li kienet hi stess li cemplitlu (seduta numru 2).

L-uniku prova certa li hemm li t-testatrici ma kenitx mentalment kapaci taghmel testment kien wara li t-tabib Vella rega’ ra lid-decujus fl-20 ta’ Awissu 1990 u *“sibt li l-istat mentali taghha kien hazin hafna, jew ‘bonkers’. Bdiet tghid li hi tilfet ruhha u li l-Papa kien gie Malta biex jirrangaha mar-religjon halli terga’ lura fil-Knisja u ssalva*

---

[6] Dwar dan il-perit addizzjonali kkonfermaw li persuna li tbati minn skizofrenija tista’ taghmel testment; *“Wiehed jista jifimha facli hekk, jekk id-deluzjonijiet u id-disturb psikjatriku ma jkunx relatat ma’ dak li ser taghmel, tista’ taghmel testment. Jigifieri jekk hi temmen li l-qamar huwa kwadru u fit-testment il-qamar ma jidhol imkien, dik hija l-ideja. Jekk hi ghandha paranoid schizophrenia, u tahseb li it-tfal taghha ghamlulha il-hsara u jridu joqtluha, hemmhekk il-gudizzju qed jigi affettwat ghax hi mhix kapaci taghmel gudizzju mhux ibbazat fuq il-marda taghha. Huwa ibbazat fuq il-mard tal-genn li ghandha.”* (seduta 30/1/2013).

*ruhha. U li l-Papa ma kienx irnexxielu….. Dan l-istat mentali dam isehh sakemm mietet f'Novembru 1990…."* (Dr Carmel Vella, fol. 345). Il-klema *'bonkers'* hi iebsa u tista' tfisser biss li l-persuna tilfet ir-raguni.

Il-qorti kellha l-opportunita' tisma' lill-periti addizzjonali jixhdu fit-tul in eskussjoni u wara li kkunsidrat id-deposizzjoni tan-nutar Vella Zarb kif ukoll il-provi l-ohra, m'ghandha l-ebda dubju li fil-11 ta' Awissu 1990 it-testatrici kienet mentalment kapaci taghmel testment.

Il-periti addizzjonali kkonfermaw li:-

- It-testatrici kienet tbati mill-marda tal-psikozi, li kienet marda kronika. Marda li ma tirrendix lill-persuna *"…. Awtomatikament li mhijiex mentalment kapaci taghmel testment"* (fol. 206).
- Meta fl-20 ta' Awissu 1990 Dr Vella ra lill-pazjenta, kienet fi stat ta' psikozi; *"Pero m'hemmx evidenza li dan l-istat kien prezenti fid-data tat-testment. Huwa possibbli li stat ta' psikozi jizviluppa fi ftit granet."* (ara rapport). Sahansitra waqt l-eskussjoni qalu li dan l-istat jista' jizviluppa fi ftit sighat.
- Ghalkemm persuna tkun tista' qeghda tbati minn kundizzjoni ta' psikozi, mhux bilfors li jkollha konsegwenza fuq il-kapacita' li l-persuna tkun taf min huma l-membri tal-familja taghha u l-gid li ghandha.
- It-testatrici ma kenitx tbati mill-marda ta' skizofrenija. Fil-fatt ikkonfermaw li fin-notamenti medici ta' meta ddahhlet Mount Carmel fil-25 ta' Ottubru 1967 id-dijanjozi kienet *paraphrenia* ghalkemm fir-records medici hemm okkazzjoni wahda meta ssemmiet l-iskizofrenija. Meta ddahhlet l-isptar kien ra tabib u ghamel dijanjozi ta' skizofrenija. Pero' fil-*case sheet* tal-pazjenta jinghad li kienet tbati minn *paraphrenia*. In eskussjoni l-periti medici spjegaw id-differenza bejn iz-zewg tipi ta' marda. Il-psikjatra Dr George Debono li kien ezamina lit-testatrici ikkonferma wkoll li kellha *"…. A psychotic illness, ghalkemm ma kellhiex sintomi akuti. Ma kienx kaz ta' depression. Kien kaz ta' psikozi."* (seduta tal-4 ta' Frar 1994 – numru 7).

- M'hemm l-ebda prova li meta ghamlet it-testment kienet qeghda tbati minn psikozi.
- Persuna li tkun qeghda tbati minn psikozi meta tistaqsiha domanda *"ma taggixxix normali. Ezempju tghidlek li tkun qed tisma' l-ilhna jew tibda tghid affarijiet li difficli hafna li temminhom."*. Kieku fil-mument li ghamlet it-testment it-testatrici kienet qeghda tbati minn psikozi, *"tinduna li hemm xi haga, dak li jkun mignun…."*. Opinjoni li fil-fehma tal-qorti hi kardinali in vista ta' dak li xehed in-nutar Vella Zarb.
- Kienu raw it-testment u *"Ahna ma sibna xejn li anke jekk setghet kienet psychotic, il-kontenut kien jatik x'tifhem li dan kien affettwa l-gudizzju."*.
- Kienu biss zewg incidenti li fihom deheru s-sintomi ta' psikozi fit-testatrici, u cjoe' l-incident tal-1967 u dak fl-ahhar xhur ta' hajjitha. Il-qorti ma taqbilx mal-atturi li l-oneru tal-prova kien qieghed fuq il-konvenuti sabiex juru li t-testment sar fi zmien meta l-psikozi ma kenitx qeghda timmanifesta ruhha. Il-periti addizzjonali spjegaw b'mod ferm car li din ma kenitx kundizzjoni li qeghda timmanifesta ruhha matul dawk is-snin kollha, cjoe' mill-1967 sal-1990. Dan ma kienx kaz ta' vizzju abitwali tal-menti. Kieku kienu cirkostanzi abitwali wiehed kien ikun gustifikat li jippretendi li l-konvenuti jaghtu prova li t-testment ikun sar f'mument ta' intervall lucidu. Pero' dan ma japplikax ghall-kaz in ezami.

Il-perit addizzjonali taw ir-ragunijiet ta kif waslu ghal konkluzjonijiet taghhom, u l-mod kif wiegbu ghad-domandi kien altru milli evidenti li kienu studjaw il-kaz sew. Ghalkemm id-difensur tal-atturi kkritika lill-periti addizzjonali u qal li ma kienux konsistenti, il-qorti hi tal-fehma li anzi kienu ferm konvincenti f'dak li qalu u l-opinjoni taghhom hi prova ohra favur id-difiza. Hu veru li fir-rapport qalu li l-psikozi hi kronika u meta xehedu f'hin minnhom qalu li m'hijiex. Pero' wiehed irid jifhem il-kuntest li fih qalu hekk. Ghalkemm il-marda kienet fuq it-testatrici, din immanifestat ruhha darbtejn[7]. Tant hu hekk li qabel

[7] Fil-fatt intqal hekk waqt l-eskussjoni: *"Ha natik ezempju li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-psikjatrija, forsi nifthemu xi haga. Xi hadd ibati bl-*

kellha relapse t-testatrici kienet qeghda tghix hajja normali.

4. Mill-provi rrizulta kif meta Francesca Farrugia ghamlet it-testment ma kenitx akkumpanjata minn xi familjari taghha. It-testment fih erbgha legati, disposizzjoni ohra sabiex wara mewtha jigi ccelebrat il-quddies, u disposizzjoni fejn bhala werrieta halliet lill-ohtha Angela Farrugia u r-ragel taghha Carmelo, u f'kaz li jmutu qabilha hallieta lill-uliedhom Tessie, Dione, Catherine u Marianne ahwa Farrugia, u lil Mario Farrugia *"…. Patri Gizwita f'kaz li huwa ma jibqax fl-ordni monastiku"*. Id-dettal li fih it-testment ma jaghti ebda indikazzjoni li sar minn persuna *"bonkers"*, iktar u iktar meta n-nutar ikkonferma li kienet it-testatrici li qaltlu x'riedet u taghtu d-dettalji dwar il-gid. F'dan ix-xenarju 'l fatt li t-tabib Vella ezamina lit-testatrici fl-20 ta' Awissu 1990 u fil-fehma tieghu kienet "bonkers", m'ghandux iwassal ghal xi presunzjoni li fil-11 ta' Awissu 1990 ma kenitx mentalment kapaci taghmel testment.

5.Wara li kienet rikoverata l-isptar Monte Carmeli, bejn il-25 ta' Ottubru 1967 sad-29 ta' Jannar 1968, ma regghetx giet rikoverata. Mill-provi jirrizulta li wara li harget mill-isptar ghexet hajja normali ma' huha Vincent li miet fi Frar 1990. L-attur stess ikkonferma li wara li ohtu harget mill-isptar kienet *"tista' tghid persuna normali pero' kienet baqghat ma titkellem xejn u silenzjuza."* (seduta tas-16 ta' Frar 1996). L-attur ma jaghti l-ebda hjiel li familjari taghhom kienu hadu vantagg minn ohtu sabiex taghmel it-testment in kwistjoni.

6. Ghalkemm l-attur xehed  li ftit xhur qabel mietet ohtu kien mar jaraha u osserva li kienet silenzjuza u qaltlu: *"Tlift ruhi, ghamilt dizunur lill-familja."* u *"Ara gejjin il-Pulizija ghalija."* (ara affidavit tad-9 ta' Frar 1996), ma ta l-ebda taghrif dwar meta kienet il-gurnata li mar jaraha. Kien wara li ra Dr Vella fl-20 ta' Awissu 1990 ? Twegiba

*asthma. Hija kundizzjoni kronika, l-azma. Jista' jaqbdek rih u f'siegha jaqbdek l-attakk. Allura inti tkun ilek ghaxar snin bla sintomi, tbati mill-asthma, u jaqbdek l-attakk."*.

m'hemmx. Il-qorti ma tistax tasal ghal konkluzjoni li dan il-kliem hu prova jew indikazzjoni li:-

i. Fil-11 ta' Awissu 1990 l-attrici ma kenitx f'sensiha biex taghmel testment.
ii. L-attrici ghamlet it-testment ghaliex saret pressjoni fuqha minn Angela Farrugia jew membri tal-familja taghha peress li kienet f'kundizzjoni ta' sahha debboli.

Il-periti addizzjonali stess ikkonfermaw li fi zmien qasir seta' kellha relapse ta' dak li kien gralha fis-snin sittin.

7. L-atturi ghamlu riferenza ghad-deposizzjoni ta' Maria Bezzina, gara tat-testatrici, u rreferew ghaliha bhala *"l-iktar persuna li semghet affarijiet"*. Ix-xhud semmiet okkazzjoni meta Francesca Farrugia qaltilha li kienet ghamlet testment u li lill-konvenuti hallitilhom kollox. Qaltilha wkoll li kienu "rieduha" taghmel it-testment b'dak il-mod[8]. Fis-seduta tat-3 ta' Lulju 2000 xehedet:

*"Wara li sar it-testment, Francesca kienet inwketata hafna u hi stqarret mieghi li dan l-inkwiet kien minhabba l-mod kif ghamlet it-testment. Fit-testment qaltli kollox u minn jeddha qaltli kif ghamlitu minghajr ma staqsejtha xejn."*.

Ma jirrizultax meta suppost sar dan il-kliem. Jekk verament it-testatrici qalet dak il-kliem allura kienet f'sensiha u konsapevoli minn dak li ghamlet. Ghalkemm ix-xhud issostni x'qaltilha l-attrici, m'hemmx provi li kien hemm pressjoni min-naha tal-konvenuti u li din issokkombiet ghall-volonta taghhom ghaliex fiz-zmien li ghamlet it-testment il-kundizzjoni ta' sahha kienet debboli. Ghalhekk il-qorti ma taqbel xejn mal-argument tal-atturi li d-deposizzjoni ta' din ix-xhud hi l-prova regina ta' dak li jallegaw. Il-qorti tqies li huma kontradittorji l-argumenti tal-atturi in kwantu filli jsostnu li t-testatrici ma kenitx *of sound*

[8] *"Ghall-habta ta' Awissu, naf li Francesca ghamlet it-testment. Qaltli hi stess. Semmietli: "jew kollox jew xejn". Jien staqsejtha x'riedet tfisser biha. Hi wegbitni" "iva kollox riedu". Kienet qed tirreferi ghal Angela u wliedha. Qaltli li kellha tiktbilhom kollox. Ghidtilha "allura lil Giuseppi ma hallejtlu xejn ?". Semmietli li kienet hallietlu dar zghira, li naf liema kienet ta' Middle Street, Siggiewi. Dar qadima bla valur. Ghaditlha: "Dik biss ?". Hi wiegbet: "Xi tridni naghmel, ghax hekk riedu ?"* (seduta tat-2 ta' April 1993).

*mind* biex taghmel testment, imma mbaghad jiggranfaw mad-deposizzjoni ta' Bezzina biex jaghtu prova li wara t-testment it-testatrici kienet esprimiet id-dispjacir taghha ghal dak li ghamlet. Ghalhekk jidher li ghall-atturi fejn hu komdu ghalihom it-testatrici ma kenitx f'sensiha, izda f'sensiha li turi d-dispjacir u inkwiet ghal dak li ghamlet. Dan m'huwiex accettabbli. Inoltre, jekk il-verita' hi l-verzjoni li tat Bezzina fis-sens li t-testatrici ma kenitx kuntenta bil-mod kif iddisponiet minn gidha, ma jidhirx li kien hemm ostakolu li taghmel it-testment bil-mod li riedet. Dan iktar u iktar meta tqies li n-nutar ikkonferma li l-ebda familjari ma kienu prezenti fil-kamra fejn sar it-testment. Maria Bezzina xehedet: *"**Sal-mewt** baqghet tibki bit-testment li ghamlet. Dan ghaliex irrealizzat li ghamlet hazin li halliet kwazi kollox lil Angela mentri Giuseppi dik in-naqra biss kien haqqu."* (enfazi). Il-qorti ma temminx din il-verzjoni, iktar u iktar meta tqies x'qal it-tabib Vella dwar it-testatrici meta ezaminha fl-20 ta' Awissu 1990 u kkonferma: *"Dan l-istat mentali dam isehh sakemm mietet f'Novembru 1990 ……"* (fol. 345).

Dan apparti li l-attur baqa' f'kuntatt ma' ohtu u jmur jaraha d-dar is-Siggiewi, u meta xehed ma semmiex li ohtu qaltlu li kienet inkwetata ghaliex ghamlet testment.

Il-periti medici spjegaw kif min ikun qieghed ibati minn psikozi jkollu *hallucinations* u *delusions*. Jekk wiehed kellu jemmen il-verzjoni li tat Maria Bezzina, jeskludi ghal kollox li t-testatrici ma kenitx f'sensiha meta ghamlet it-testment. Skond dik il-verzjoni r-raguni ghalfejn it-testatrici ghamlet dak it-testment kien minhabba dak li riedu l-familja taghha. Ghalhekk ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument fiz-zmien meta ghamlet it-testment kien qieghed ikollha *hallucinations* u *delusions*, dan ma nfluwenzawx lit-testatrici biex taghmel testment.

Inoltre, fir-rigward ta' dak li xehedet Maria Bezzina, il-qorti hi tal-fehma li l-osservazzjoni tal-perit legali hi ferm valida:

*"33. Ix-xhieda ta' Maria Bezzina fuq riportata ghandha rilevanza fir-rigward tal-kawzali in ezami. Il-kliem attribwit minn Bezzina lit-testatrici fix-xhieda taghha "Iva kollox*

*riedu", u l-kliem "Xi tridni naghmel, ghax hekk riedu" jidher li jirreferu ghad-disposizzjonijiet testamentarji.*

*Izda meta l-istess kliem – anke jekk ix-xhieda ta' Bezzina tigi accettata bla ebda kawtela, in vista tal-fatt tal-tilwim li kellha ma' Angela Farrugia, konvenuta (ara fol. 339) – jittiehed 'at face value', fil-fehma tal-esponenti xorta wahda ma jammontax ghal prova illi t-testatrici kienet mgieghla minn xi hadd biex taghmel it-testment bil-mod kif sar. Il-kliem uzat ma ghandux fil-fehma tal-esponent jigi estiz jew jigi interpretatx b'mod aktar wiesgha izda ghandu jitqies kif gie mistqarr.*

*34. Konsidrata b'dan il-mod ix-xhieda ta' Bezzina ghandha sinifikat limitat, u tirrifletti sitwazzjoni essenzjalment u fondamentalment differenti minn dik li jrid jipprova l-attur, cioe' li t-testatrici kienet giet mgeghla taghmel hekk kontra l-volonta' taghha.*

*Hemm differenza ta' sostanza bejn il-kliem "Ghax hekk riedu" (kliem li ntuza) u "hekk geghluni" kliem ma irrizulta mkien, pero' gie uzat biss f'wahda mill-premessi mqieghda mill-attur bhala kawzali ghall-ewwel domanda.[9]"* (fol. 225-226).

Meqjusa dawn ic-cirkostanzi din il-qorti hi tal-fehma li mill-provi li tressqu l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li fil-hin li ghamlet it-testment, it-testatrici ma kellix il-grad ta' kapacita' mentali mehtieg sabiex it-testment, prezunt validu, jigi ddikjarat null. Lanqas ma taw prova li t-testment li ghamlet Francesca Farrugia kien minhabba xi ghemil doluz jew maniggi tal-konvenuti.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni u tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom**.

---

[9] Il-premessa taqra hekk: *"Billi kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, it-testatrici kienet giet imgeghla biex taghmel l-imsemmi testment bil-mod kif sar, kontra l-volonta' taghha, meta hija ma kienitx fi stat ta' sahha mentali kif trid il-ligi."*.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------